"Il-Madonna

u

l-Ordni Karmelitan"

Ara "Il-Hajja"

d/ 9.7.84.

# IL-MADONNA U L-ORDNI KARMELITAN

minn Charles Attard.

L-ewwel Ordni Religjuż, dedikat f'gieh il-Vergni Maria, kellu l-origini tieghu fuq il-Muntanja Qaddisa tal-Karmelu, li fi żmien il-qedem, qabel Kristu kienet giet mqaddsa bir-rebha glorjuża tal-Profeta Elija li kien ghamel fuq ir-re ligjużi ta' Baal. U billi kien hemm jghix f'dawk l-imkejjen id-dixxiplu u s-successur tieghu, l-Profeta Elisew, dawk li mxew warajhom gew konvertiti mit-taghlim tal-Bibbja u ghalhekk, dawn, issoktaw jghixu fil-hajja ta' l-eremitagg fl-istess post, jigifieri fuq il-Muntanja tal-Karmelu. Meta, imbaghad, fi żmien il-Krucjati, il-Palestina giet mahkuma mill-Kristjani Latini, l-Patrijarka ta' Cerusalemm, San Albert ta' Vercelli, ghamel statut ghalihom. (Circa A.D. 1210)

Billi l-qaghda tal-Kristjani fl-Art Imqaddsa saret impossibbli, x'uhud mill-Eremiti, kellhom ifittxu refugju fl-Ewropa; bicca min-hhom fi Franza, fl-Ingilterra u ohrajn fi Sqallija fejn waqqfu xi kunventi (A.D.1242). Billi f'dawn il-pajjiżi l-kundizzjoni-jiet tal-hajja kienu hafna differenti minn dawk li kienu mdorrijin fihom, huma applikaw lis-Santa Sede biex isir xi tibdil fir-regola-menti ta' l-Ordni taghhom biex b'hekk, ikunu jistghu jimxu fl-istess drawwiet tal-patrijiet mendikanti (dawk lijghixu bit-talb) Ghal xi żmien, huma kienu bejn haltejn jekk kellhomx jissoktaw jghixu fil-hajja purament ta' kontemplazzjoni jekk jekk kellhomx jibdew hajja ohra attiva. Din ta' l-ahhar rebhet u b'hekk huma ntefghu b'ruhhom u gisimhom f'hajja gdida ta' azzjoni. X'uhud ghażlu karriera Universitarja, ohrajn iddedikaw ruhhhom ghal predikazzjoni, l-amministrazzjoni tas-Sagramenti u t-taghlim tar-Religjon Nisranija.

Hawnhekk, m'ahniex sejrin nidhlu fid-dettalji ta' l-istorja taż-żmenijiet tan-Nofs, biżżejjed li wiehed jghid li ma' l-attivita' tal-patrijiet fl-Universitajiet u fi Bliet ohra, kbar, (dawn ma kenux ftit), bhal William Sothfield ta' Norwich li miet fl-A.D. 1414, ddedikaw ruhhom ukoll ghal hajja ta' talb.

Il-Fidi Kattolika, f'dawn iż-żmenijiet kienet qieghda tigi assedjata minn kullimkien. Kienet saret hsara kbira qabel ma setghu jittiehdu passi biex dawn jissieltu ma' din il-marda li kienet qieghda thedded mhux biss lil-membri tar-Religjon Kattolika, imma, anki lil Knisja. Hija pagna glorjuża fl-Istorja ta' l-Ordni Karmelitan li l-Karmelitani taw lill-Knisja ghad-dispożizzjoni taghha l-iskulari, l-predikaturi, letturi u kittieba li kellhom biex waqqfu dik il-mewga qerrieda u kisbu mill-gdid dak li kienet tilfet il-Knisja. L-ewlenin fost dawn, insemmu lil Patri Thomas Netter minn Walden (li miet f'Rouen, f'novembru 2 ta' l-1430) li x-xoghol kbir tieghu, dwar il-kontroversji ta' dawk iż-żmenijiet li m'ilux nissel in-Nukliju ta' kontroversjalisti Kattolici.

Dil-hidma, tista' tigi meqjusa bhala x-xoghol estern ta' l-Ordni Karmelitan fiż-żmenijiet tan-Nofs.

Fl-Ingilterra, il-Karmelitani (patrijiet mendikanti) kienu

magħrufin bħala 'White Friars', billi kienu jxiddu kappa bajda fuq tonka kannella. Dil-bidla u r-riforma fir-regolamenti ta' l-Ordni li kienet ġiet approvata fl-1247, ferrxet lil Karmelitani ma' l-Ewropa kolla tal-Punent u b'hekk saru patrijiet popolari daqs id-Dumnikani u l-Franġiskani.

Matul iż-żmenijiet saru xi riformi oħra u matul ix-xisma l-kbira, l-Karmelitani kienu maqsuminbejn żewġ ubbidjenzi papali; kienu ġew eletti żewġ Ġenerali rivali, qagħda li jkkawżat aktar nuqqas fid-dixxiplina u fis-sikkatura. Biex jegħleb din il-qagħda Eugenius IV., fl-1431, approva riforma aktae moderata minn dik ta' l-1247, imma, bosta mill-Karmelitani baqgħu josservaw r-riforma ta' qabel, għalhekk, fost il-Karmelitani, saret l-istess firda, f'dawk"Osservanti u f'dawk Konventwali". Firda bħal din kienet ġabet ħsara kbira fost il-patrijiet Franġiskani.

Fl-isvilupp ta' l-Ordni Karmelitan, l-aktar wieħed importanti, kien, ir-riforma li ħolqot Sta, Teresa. Wara kważi tletin sena li għaddiet f'kunvent Karmelitan f'Avila, taħt l-osservanza tar-riforma ta' l-1431, hija waqfet flħistess Belt, kunvent ċkejken ~~f~~ fejn regolamenti aktar iebsa minn dawk ta' l-1247, kellhom jiġu osservati. Dan, ġara fl-1562. Minkejja l-oppożizzjoni u d-diffikultajiet ta' kull-xorta, hija rnexxielha tistabbilixxi għadd mhux biss ta' djar għas-sorijiet imma, (bil-ko-operazzjoni ta' San Ġwann tas-Salib q.v.) ukoll kunventi bl-akbarosservanzi ibsin u minn din il-ħidma ta' Sta. Teresa minn Avila, ħarġu l-Karmelitani skalzi (It-Teresjani).

Qabel inħallu żmien il-qedem, wieħed ma jistax ma jsemmix l-akbar Konfraternita tal-Labtu tal-Mda. tal-Karmnu. L-Imbierka Verġni Marija tat il-labtu lil San Xmun Stock, Ġeneral tal-Karmelitani fil-famuża viżjoni li kellu, meta l-Madonna qaltlu:

"Kull min imut liebes b'din il-libsa, ma jbatix in-nar ta' l-Infern"

Il-Madonna dehret ukoll lill-Papa Ġwanni XXII u wegħditu, taħt ċerti kundizzjonijiet li huma faċli li jitwettqu;"li dawk li jxiddu il-labtu matul ħajjithom, jiġu meħlusa mill-Purgatorju fl-ewwel Sibt minn mewthom"

Dan ġie mxandar minn Editt tal-Papa, A.D. 1322 u ġie jkkon-fermatminn Clement VII, fit-12 ta' Awwissu, 1530. Dan hu magħruf bħala l-privileġġ Sabbatin li ma jfissirx indulġenza, imma rikompens li wieħed jikseb wara mewtu, għall-opri tajba li jkun għamel; privileġġ persunali għall-beneficcju ta' dik il-persuna li tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet. Dawn huma:

i) Li wieħed jgħix fis-safa',

ii) Li jirrecta l-uffizzju tal-Madonna.

Dawk li ma jkunux jistgħu jgħidu dan l-uffizzju, għandhom ma iniġġsux nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt, l-istess bħal nhar ta' Ġimgħa. Barra minn ~~danx~~ meta f'dawn il-jiem, jaħbat il-Milied.

Daqskemm l-uniformi turi lis-suldat, daqstant ieħor,il-labtu

~~huwa l-libsa ta' l-ulied predilatti tal-Madonna. Dawk li jilbsu~~

huwa l-libsa ta' l-ulied magħżula tal-Madonna. Dawk li jilbsu l-Labtu huma mistennija li jkunu devoti ta' Marija taħt it-Titolu tal-Karmelu.

Li wieħed jagħti idea kif il-Karmelitani u d-devozzjoni lejn il-Madonna xterrdu mad-dinja kollha huwa ferm difficli fil-ftit wisgħa li għandna, għalhekk sejrin naraw biss dak li ġara f'Malta.

Meta l-Ordni Ġerosolimitan telqu mill-Birgu u marru fil-Belt il-ġdida, il-Gran Mastru Del Monte, kiteb lil Vigarju Ġenerali, Dun Anton Bartolo biex jibgħat sacerdot biex jamministra s-Sagramenti lin-nies ta' dawk l-inħawi, għalhekk, bil-bolonta' tal-Prijur Sagramentali, stabbilixxa il-knisja tal-Karmelitani biex fiha Dun Marian Briffa jamministra s-sagramenti. Hawnhekk, inħasset il-ħtiġa li fil-Belt ikun hemm Parrocca. Dan, kien fit-18 ta' Marzu, 1571.

Il-Knisja tal Karmnu kienet infetħet għall-pubbliku fl-1570. Sadanittant, il-Karmelitani kien ġa kellhom kunvent, dak li hemm barra mir-Rabat ta' l-Imdina, magħruf bħala "Ta' San Leonard".

Il-Kittieba ta' l-Istorja tal-Knisja Maltija, jgħidu li f'dan il-Kunvent, il-Karmelitani kienu ilhom mill-1370, oħrajn jgħidu, mill-1200. Hija ħaġa sgura li l-Karmelitani kienu f'Malta mill-1418.

Meta bdiet tinbena l-Belt il-ġdida, fl-1570, il-Karmelitani ħasbu biex jixtru biċċa art biex jibnu l-knisja u l-kunvent. Ix-xogħol imbeda u tlesta fl-1570, billi l-ewwel Knisja kienet żgħira.

Il-patrijiet kellhom f'idejhom il-quddies, il-priedki, ix-xandir tal-kelma t'alla, it-tifsir tal-quddiesa tal-Koncilju Tridentin dwar iż-żwieġ, l-amministrazzjoni ta' l-iskomuniki u d-fin ta' l-erwieħ.

Minn Dicembru, 1570 sa Dicembru 1582, il-Knisja tal-Karmnu kienet stabbilita bħala l-Knisja tal-Parrocca tal-Belt.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu bdiet tixtered ma' Malta kollha u l-lum, nistgħu ngħidu li m'hawnx knisja f'malta u Għawdex li m'għandhomx kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u biex wieħed ikun eżatt ngħidu li dawn issibhom f'sitta u tletin Knisja bejn Malta u Għawdex.

Il-Labtu tal-Madonna m'ilux jeżiżti minn dak inhar tadħdeħra li kellu San Xmun Stock jew minn dak inhar tadħdeħra lill-Papa Gwanni XXII. Wisq żmien qabel, il-Labtu kien użat fil-Knisja, imma l-wegħda l-kbira li għamlet il-Madonna fis-sena 1251, 'li kull min imut imlibbes l-iskapular ma jsofrix in-nar ta' d jjem' tat xiehda li l-Ordni Karmelitan huwa ta' Maria.

L-Iskapular huwa sinjal li mill-ewwel żmenijiet tal-Medjo Evo, kien il-libsa tal-membri tagħha. L-Iskapular huwa l-libsa tal-Madonna fic-cokon. Il-Labtu jagħtina sehem fl-Ordni Imqaddes, ikkonsagrat lil Madonna.

Minn dan li għedna naraw, għaliex il-papa talab lil familja kollha Karmelitana biex fil-labtu jaraw is-sinjal tal-konsagrazzjoni tagħhom lil Qalb bla Tebgħa ta' Maria.

Il-Karmelitani sa mill-eqdem żmenijiet xandru mad-dinja is-siwi tal-labtu u tar-Rużarju Imqaddes. Dawn iż-żewġ devozzjonijiet żammew hajja l-Fidi Kattolika mad-dinja.

Imlibbsin il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu u billi jghidu r-Rużarju, bosta erwieh ghelbu lix-xitan u mxew fit-triq it-tajba li wasslithom ghas-salvazzjoni u ghal Glorja tal-Ġenna.

U biex il-Madonna tkompli ssahhah id-devozzjoni lejn il-Labtu tatna dehra ohra fis-sena 1917 ġewwa Fatima. Din id-dehra, tatna l-konferma tad-devozzjoni antika ta' l-Iskapular u stedina ghal Karmelitani kollha biex jissoktaw ixandru l-konsagrazzjoni lejn il-Madonna permezz ta' l-Iskapular.

L-Ordni Karmelitan biex ipatti ghall-Imhabba li l-Madonna uriet lejh, waqqaf ġo Fatima Knisja lil Madonna tal-Karmnu u ma' din, twaqqfet ukoll dar ghall-irtir ma ġenb l -istess knisja biex tlied Maria, minn kull-naha tadhdinja, jkunu jistghu jghaddu xi żmien fit-talb qrib il-post imqaddes fejn saret id-dehra taghha liebsa bil-libsa Karmelitana.

F'Malta, il-Karmelitani ma naqsux li jibnu tempji sbieh li jaghtu ġieh lil Madonna tal-Karmelu, dawn xterdu f'diversi rhula, imma, fosthom insemmu it-Tempju tal-Belt, Valletta u dak ta' San Ġiljan. Il-Hidma Karmelitana f'Malta ma waqfet qatt mindu huma rifsu fuq il-gżejjer taghna. Saru bosta cerimonji ta' ġieh lil Madonna taht it-titlu tal-Karmelu. Min ma qarax fl-Istorja l-okkażjoni tal-Koronazzjoni tas-Santwarju li hemm fil-Knisja tal-Belt? Min ma semax bil-festi Centinarji li saru f'malta f'eghluq il-mitt sena mill-Inkoronazzjoni tal-Madonna? Min ma jiftakarx il-Madonna tal-Karmnu ghaddejja minn Strada Rejali ghal fuq il-Fossos tal-Furjana fil-Kungress Marjan? Min ma jhossx qalbu tifrah fil-festi li jsiru ta kull-sena f'diversi mkeħjen ta' Malta?

Id-devozzjoni lejn il-Labtu tal-Karmnu f'Malta hija kbira u ġejja minn żmien il-qedem u ghalhekk nitolbu bil-qalb lil Maria li l-Kommunita' Karmelitana f'Malta tissokta titkattar biex id-devozzjoni lejn l-Iskapular taghha isahhahna fil-fidi u jkompli jsaltan fostna ghal tul iż-żmenijiet.

Riferenzi: Enciklopedija Brittannika,
The Carmelite Order by Rev. Benedict Zimmermann, O.D.C.
Malta Karmelitana,
Il-Bażilika Santwarju tal-Karmnu fir-raba' mitt-sena mit-twaqqif taghha.
Il-Madonna ta' Fatima u l-Labtu tal-Karmnu.

22 ta' Ġunju,84.